



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 16 ta' Marzu 2010 (18.03)
(OR. en)**

7570/10

LIMITE

CO EUR-PREP 10

NOTA

minn:	Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	COREPER/Kunsill Affarijiet Ġenerali
Suġġett:	<i>Kunsill Ewropew (25 u 26 ta' Marzu 2010) - Abbozz ta' konklużjonijiet</i>

F'konformità mal-Artikolu 2(3)(a) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet imħejji mill-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu fidejha il-Preżidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni.

o
o o

I. EWROPA 2020: STRATEĠIJA EWROPEA ĠDIDA GĦALL-IMPJIEGI U T-TKABBIR

1. Tul l-aħħar sentejn, iffaċċajna l-aġar kriżi ekonomika fid-dinja mis-snin tletin 'l hawn. Dan enfasizza d-dgħufijiet tal-Ewropa: livelli eċċessivi ta' dejn, tkabbir strutturali kajman u rata għolja ta' qgħad. Għalkemm is-sitwazzjoni ekonomika qed titjeb, l-irkupru għadu dgħajf.
2. Huma essenzjali riformi strutturali sostnuti minn konsolidazzjoni baġitarja għal rilanċ b'saħħtu u sostenibbli u biex tiġi preservata s-sostenibbiltà tal-mudelli soċjali tagħna. F'dak ir-rigward, ser ikun importanti l-ħruġ f'waqtu mill-miżuri eċċezzjonali ta' sostenn adottati biex tiġi miġġielda l-kriżi. Jekk ma neħdux azzjoni, l-Ewropa ser tibqa' lura; l-impjiegi u l-benessri huma friskju. Ir-responsabbiltà tal-Kunsill Ewropew hi li jittratta dawn l-isfidi issa.
3. L-UE teħtieġ strateġija msaħħa għall-impjiegi u t-tkabbir, ibbażata fuq koordinazzjoni mtejba tal-linji ta' politika ekonomiċi. B'segwitu għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ewropa 2020: strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" u għad-diskussjonijiet li saru fil-Kunsill, il-Kunsill Ewropew qabel dwar l-elementi prinċipali ta' din l-istrateġija l-ġdida, li ser tiġi adottata formalment f'Ġunju.
4. Jeħtieġ li l-isforzi tagħna jkunu ffukati aħjar:
 - a) L-istrateġija l-ġdida ser tiffoka fuq l-oqsma prinċipali fejn hi meħtieġa azzjoni biex tagħti spinta lill-potenzjal ta' kompetittività u tkabbir tal-Ewropa: għarfien u innovazzjoni, ekonomija aktar ekoloġika, rata għolja ta' impjiegi u inklużjoni soċjali. Għal dak l-għan, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-miri ewlenin li ġejjin, li jikkostitwixxu l-oġġettivi kondiviżi tagħna li jmexxu l-azzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni.

p.m. miri ewlenin tal-UE

- b) Fid-dawl tal-miri ewlenin, l-Istati Membri ser jistabbilixxu, flimkien mal-Kummissjoni, il-miri nazzjonali tagħhom, b'kont meħud tal-pożizzjonijiet ta' tluq u ċ-ċirkostanzi nazzjonali relattivi tagħhom.
- c) L-istrateġija l-ġdida ser tindirizza wkoll l-ostakoli ewlenin li jfixklu t-tkabbir, inklużi dawk fil-livell tal-UE relatati mal-funzjonament tas-suq intern u l-infrastruttura.
- d) L-Istati Membri ser ifasslu Programmi Nazzjonali ta' Riforma li jistabbilixxu fid-dettall l-azzjonijiet li ser jieħdu biex jimplimentaw l-istrateġija l-ġdida, b'enfasi partikolari fuq l-isforzi biex jintlaħqu l-miri nazzjonali kif ukoll fuq miżuri biex jitneħħew l-ostakoli li jfixklu t-tkabbir fil-livell nazzjonali.
- e) Il-Kummissjoni ser tfassal programm tal-UE li jistabbilixxi l-azzjoni li biġsiebha tmexxi 'l quddiem fil-livell tal-UE biex tiġi implimentata l-istrateġija, b'mod partikolari permezz tal-inizjattivi prominenti.

5. Mekkaniżmi ta' monitoraġġ effiċjenti huma fundamentali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġija:

- a) Filwaqt li jibni fuq il-monitoraġġ mill-Kummissjoni u l-ħidma magħmula fil-Kunsill, kull sena, il-Kunsill Ewropew ser iwettaq valutazzjoni ġenerali tal-progress miksub kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija. Ser jiġu eżaminati fl-istess ħin l-iżviluppi makroekonomiċi, strutturali u fil-kompetittività u l-istabbiltà finanzjarja ġenerali.
- b) Ser tissaħħaħ il-koordinazzjoni fil-livell taż-żona tal-euro sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li qed tiffaċċja ż-żona tal-euro. Sa Ġunju li jmiss il-Kummissjoni ser tippreżenta proposti f'dak ir-rigward, filwaqt li tuża l-istrumenti l-ġodda għall-koordinazzjoni ekonomika offruti mit-Trattat ta' Lisbona (l-Artikolu 136).

- c) Il-Kunsill Ewropew ser ikollu dibattiti speċifiċi dwar l-iżviluppi ekonomiċi u l-elementi prinċipali tal-istrategġija. F'Ottubru li jmiss, ser jiddiskuti r-riċerka u l-iżvilupp, b'mod partikolari ser jagħti ħarsa lejn kif tista' tingħata spinta lill-potenzjal ta' innovazzjoni tal-Ewropa fid-dawl tal-isfidi attwali. K mieni fl-2011, ser jiddiskuti l-politika dwar l-enerġija, inkluż kif jista' jappoġġa bl-aħjar mod il-bidla lejn ekonomija aktar effiċjenti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u aktar sigurtà tal-provvista.
- d) Iż-żmien meta jsiru r-rappurtar u l-valutazzjoni tal-elementi differenti tal-istrategġija l-għda għandu jkun allinjat aħjar, sabiex jikkontribwixxi biex tingħata ħarsa aktar koerenti lejn is-sitwazzjoni. L-istrumenti (Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi skont il-linji gwida integrati) ser jinżammu separati b'mod ċar. L-integrità tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi ppreservata totalment, hekk kif ser tiġi ppreservata r-responsabbiltà speċifika tal-Kunsill ECOFIN fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha.
- e) Sabiex jissaħħaħ id-djalogu mal-Istati Membri u tiżdied il-kwalità tas-sorveljanza, ser jintbagħtu missjonijiet li jiġbru flimkien esperti mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex janalizzaw is-sitwazzjoni fil-post.
- f) Ser ikun essenzjali li tiġi żgurata l-kwalità, l-affidabbiltà u l-puntwalità tad-data statistika pprovduta mill-uffiċċji ta' statistika nazzjonali biex ikun żgurat monitoraġġ kredibbli u effettiv. Hu meħtieġ qbil rapidu rigward il-proposti tal-Kummissjoni f'dan il-qasam.
- g) Ser tinżamm kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet oħra tal-UE. Ser jiġu involuti l-parlamenti nazzjonali, l-imsieħba soċjali, ir-regġuni u partijiet oħra interessati sabiex tiżdied ir-responsabbiltà għall-istrategġija.

◦
◦ ◦

6. Hu meħtieġ progress rapidu rigward it-tisħiħ tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni finanzjarja kemm fl-UE kif ukoll f'fora internazzjonali bħall-G20, b'hekk ikunu żgurati l-istess kondizzjonijiet fil-livell globali. Il-progress hu partikolarment meħtieġ rigward kwistjonijiet bħar-rekwiżiti kapitali; l-istituzzjonijiet sistemiċi; l-istrumenti ta' finanzjament għall-maniġġar ta' kriżijiet, inklużi sorsi innovattivi bħal imposta ta' transazzjoni globali; iż-żieda tat-trasparenza fis-swieq tad-derivattivi u l-konsiderazzjoni ta' miżuri speċifiċi fir-rigward ta' credit default swaps sovrani; u l-implimentazzjoni ta' prinċipji miftehma fil-livell internazzjonali għal bonusijiet fis-settur tas-servizzi finanzjarji.
7. Dan jirrekjedi li l-UE tagħmel progress rapidu f'dawn il-kwistjonijiet internament, b'hekk turi l-impenn tagħha li twassal l-impenji ta' G20 b'mod effettiv u f'waqtu. B'mod partikolari jeħtieġ li tiġi konkluża l-ħidma fuq il-ftehimiet superviżorji Ewropej il-ġodda fil-waqt sabiex il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u t-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jibdew jaħdmu kmieni fl-2011.
8. Il-Kunsill (ECOFIN) u l-Kummissjoni ser jirrapportaw lura dwar dawn il-kwistjonijiet kollha lill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2010.

II. TIBDIL FIL-KLIMA: NERĠĠHU NIFFUKAW L-ISFORZI TAGĦNA WARA KOPENĦAGEN

9. Tul iż-żmien, ftehim legali globali u komprensiv jibqa' l-uniku mod effettiv biex jintlaħaq l-oġettiv miftiehem li wieħed jibqa' taħt iż-żieda ta' 2°C fit-temperaturi globali meta mqabbel mal-livelli pre-industrijali. Fi-dawl ta' komunikazzjoni ta' l-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2010 u ta' konklużjonijiet li laħaq il-Kunsill fil-15 u s-16 ta' Marzu 2010, issa jeħtieġ li l-proċess ta' negozjar internazzjonali jingħata dinamika ġdida.


10. Għandu jġi segwit approċċ gradwali li jibni fuq il-Qbil ta' Kopenhagen:

- a) Bħala l-ewwel pass, il-laqgħat li jmiss f'Bonn għandhom jistabbilixxu l-pjan direzzjonali biex jitmexxew 'il quddiem in-negozjati. Wieħed għandu jiffoka fuq l-integrazzjoni tal-Qbil ta' Kopenhagen fid-diversi testi ta' negozjar.
- b) Il-COP-16 f'Cancun għandha ttiprovdi deċiżjonijiet konkreti li jorbtu fis-sod il-Qbil ta' Kopenhagen mal-proċess ta' negozjar tan-NU u jindirizzaw in-nuqqasijiet li fadal, b'mod partikolari rigward il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika.

11. L-UE tinsab lesta tagħmel il-parti tagħha f'dan il-proċess:

- a) L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jimplimentaw l-impenn tagħhom biex jipprovdu EUR 2,4 biljun kull sena tul tliet snin għal finanzjament rapidu, flimkien ma' kontribuzzjonijiet minn atturi ewlenin oħra u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-aspetti kollha tal-Qbil ta' Kopenhagen. L-implimentazzjoni rapida ta' dan l-impenn ser tkun kruċjali. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippreżentaw deskrizzjoni preliminari tas-sitwazzjoni attwali tal-impenji tagħhom fis-sessjoni li jmiss tal-UNFCCC u rapporti koordinati dwar l-implimentazzjoni f'Cancun u wara dan fuq bażi annwali.
- b) L-UE u pajjiżi żviluppati oħra impenjaw ruħhom biex flimkien jimmobilizzaw USD 100 biljun kull sena sal-2020 biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiġġieldu kontra t-tibdil fil-klima. Jeħtieġ li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji fit-tul jiġu diskussi fil-kuntest ta' azzjonijiet sinifikanti u trasparenti li għandhom jittieħdu minn pajjiżi benefiċjarji biex jittaġġew l-effetti tat-tibdil fil-klima kif ukoll il-bilanċ ġenerali tal-isforz globali biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima.

- c) Il-Kunsill Ewropew jibqa' impenjat sew għall-proċess tal-UNFCCC. Huwa jappoġġa l-isforzi li qed isiru biex dan isir aktar effettiv. Minħabba ż-żmien qasir disponibbli qabel Cancun, dan il-proċess jista' jiġi kkomplementat b'mod utli permezz ta' diskussjonijiet f'sitwazzjonijiet oħra u dwar kwistjonijiet speċifiċi.
- d) L-UE ser issaħħaħ l-għajnuna tagħha lill-pajjiżi terzi. Hi ser tagħmel dan billi tindirizza t-tibdil fil-klima fil-laqgħat reġjonali u bilaterali kollha, inkluż fil-livell tas-summit, kif ukoll f'fora oħra bħall-G20. Il-Presidenza u l-Kummissjoni ser jidħlu f'konsultazzjonijiet attivi ma' msieħba oħra u jirrapportaw lura malajr lill-Kunsill.
- e) Jeħtieġ li l-opportunitajiet għall-kooperazzjoni, inkluż ma' msieħba industrijalizzati, jiġu sfruttati f'oqsma bħat-teknoloġiji ekoloġiċi u n-normi u t-teknika ta' verifika. L-interessi komuni ma' pajjiżi emerġenti rigward kwistjonijiet li jistgħu jgħolqu effett ta' lieva fid-dibattitu dwar it-tibdil fil-klima għandhom jiġu identifikati malajr.



Il-Kunsill Ewropew ħatar lis-Sur Vitor Manuel Ribeiro Constancio bħala Viċi President tal-BĊE.

Huwa approva wkoll l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna.

STRATEĠJA EWROPEA ĠDIDA GĦALL-IMPJEGI U T-TKABBIR**IL-PASSI LI JMISS**

- a) B'kont meħud tal-miri ewlenin tal-UE, il-Kummissjoni ser tippreżenta malajr il-proposti tagħha għal linji gwida integrati aktar iffukati, inklużi l-linji gwida dwar l-impjiegi u l-linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika. Il-linji gwida ser jiġu diskussi mill-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill (ECOFIN u EPSCO) sabiex, wara li jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet oħra rigward il-linji gwida dwar l-impjiegi, dawn jistgħu jiġu approvati mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2010.
- b) L-ostakoli ewlenin li jfixxlu t-tkabbir fil-livell tal-UE qed jiġu identifikati mill-Kummissjoni; l-istess ser jagħmlu l-Istati Membri fil-livell tagħhom, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni. Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2010 ser tagħmel bilanċ ta' din il-ħidma, sabiex din tkun tista' tittieħed f'kont meta jitfasslu l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.
- c) Il-miri ewlenin tal-UE ser jiġu tradotti f'miri nazzjonali speċifiċi u differenzjati li jieħdu kont tal-pożizzjonijiet ta' tluq u ċ-ċirkostanzi nazzjonali relattivi tal-Istati Membri. Dawn il-miri nazzjonali ser jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, skont proċedura nazzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet, fi djalogu mal-Kummissjoni sabiex tkun żgurata konsistenza mal-miri ewlenin tal-UE. Huma għandhom jiġu diskussi wkoll mill-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill. Għandhom jiġu ppreżentati fil-ħin biex jittieħdu f'kont meta jitfasslu l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.
- d) F'din l-ewwel sena tal-istrateġija l-ġdida, l-Istati Membri ser jippreżentaw il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom sal-ħarifa 2010, fejn jistabbilixxu fid-dettall l-azzjonijiet li ser iwettqu biex jimplimentaw l-istrateġija. Dawn għandhom ikunu appoġġati bis-sħiħ billi jiġu mobilizzati l-istrumenti rilevanti kollha tal-UE, inkluż il-BEI, bħala inċentivi għar-riforma.

- e) Sa Ottubru 2010, il-Kummissjoni ser tippreżenta l-programm li jistabbilixxi l-azzjonijiet meħtieġa fil-livell tal-UE biex tiġi implimentata l-istrateġija l-għda, b'mod partikolari permezz tal-inizjattivi prominenti.
 - f) Il-Kunsill ser jallinja aħjar iż-żminijiet tal-proċessi bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza ġenerali tal-konsulenza ta' politika lill-Istati Membri.
-